TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru 335/10

**Joseph M.Gouder**
**vs**
**Portughes Laundry & Dry Cleaning**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentat fis-7 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti ġakketta ta' l-i*suede* ta' l-irġiel li wara li ħadha għal *dry cleaning*, innota li l-kulur reħa.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħa ġakketta ta' l-i*suede* għal *dry cleaning* u meta giet irritornata, innota illi it-*texture* u l-kulur sar differenti.

L-intimat da parti tiegħu ssottometta illi riżultat ta' l-użu kontinwu ta' din il-ġakketta, din il-ġakketta iddeterjorat bil-konsegwenza li marrilha it-*texture* u l-kulur.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Id-ditta ta' l-intimat hija ditta professjonali u qabel ma tagħmel biċċa xogħol għandha tassigura illi bil-proċess li se jsir mhux se jkun hemm ħsara riżultanti fil-libsa, aktar u aktar jekk tista' tinduna li l-ġakketta kienet użata. Min-naħa l-oħra mhux it-tort kollu tal-intimat li ġara dak li ġara, speċjalment minħabba l-istat deterjorat tal-ġakketta.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), u b'dan illi l-ġakketta tibqa' propjeta' tar-rikorrenti wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888